# PASSIFLORA

*Ta' CHARLES COLEIRO*

Mhux ix-xagħar twil
u l-kuklu kuklu
u l-qliezet dojoq
u l-qomos ħomor nar
li qed inawru l-ideal
f'did-dinja ta' dnubiet.
Il-mostru
li jrid jaħfen bejn dirgħajh
il-vittma
ma jxiddx fuqu
il-libsa li timbuttah
u taqtgħu minn kulħadd
bħal Hyde
jistkennu taħt xi Jekyll
hawn eluf
bli smoker u biċ-ċoff
u bil-bastun
spalla ma' spalla bl-unuri ta' ġentlomi
mal-vittmi tagħhom
mexjin
sangisugi minfuħa
bir-rgħiba u l-ambizzjoni
bid-demm ta' l-inferjuri.

2/6/66.